MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' April, 2008

Avviz Numru. 2412/1998/1

**Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili**

**Vs**

**Joseph Falzon**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta illi b'ittra ufficjali tal-20 ta' Mejju 1998 notifikata lill-esponent, flimkien mad-dikjarazzjoni guramentata annessa, l-esponent fit-termini tal-Artiklu 466 tal-Kap 12, gie mitlub ihallas is-somma ta' Lm172.85,0; kwantu ghall-Lm120.00,0 hlas ta' licenzja tar-Radju Marittimu S 7651 mit-30 ta' Mejju, 1993 sat-30 ta' Mejju, 1998 u kwantu ghall-Lm52.00, bhala penali.

Illi l-esponent qed jikkontesta dina t-talba ghall-hlas fit-termini tal-Artikolu 464 (2) tal-Kap 12 ghar-ragunijiet segwenti:

1. l-ammont mhux dovut ghaliex ma sar l-ebda uzu mir-radju msemmi, f'dan il-perjodu. Billi dan ma kienx qed jahdem ittiehed ghand certu Angelo Mifsdu (Power Centre, 41 B'Bugia Road, Bir id-Deheb, Ghaxaq BBG 06) ghat-tiswija izda irrizulta li lanqas seta' jissewwa u l-istess Mifsud assuma l-obbligu li jirregolarizza mid-Dipartiment billi jikkancella l-licenzja.

F'kwalunkwe kas t-talba tinsab milquta' bil-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2149 (e) tal-Kap. 16.

L-esponent in vista tal-premess talab bir-rispett li dina l-Qorti tiddikjara l-pretensjoni kontra l-esponent bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 7 tal-atti) u li biha espona bir-rispett:

Illi z-zmien ghar-risposta min-naha tal-esponenti skond id-digriet tat-18 ta' Gunju 1998 ghadu lanqas beda jiddekorri ghaliex sal-lum l-Avukat Gernali ghadu mhux notifikat b'dan l-atti, ai termini tal-Aritkolu 181B(3) tal-Kap 12, u ghalhekk ir-risposta tal-esponent ghandha tkun ammessa, anke f'dan l-istadju;

Illi rigward il-mertu tal-kaz, is-somma ta' Lm172.85 hija dovuta fl-intier taghha, u dan ai termini tal-artiklu 3 tal-Kap 49 li jipprovdi li s-semplici pussess tal-apparat in kwistjoni irid ikun kopert b'licenzja valida. Ghalhekk mhuwiex l-uzu tal-apparat imma l-pussess tieghu li jaghmel lill-persuna suggetta ghall-hlas tal-licenzja.

Illi anke kieku wiehed jiprova jitfa' r-responsabilta' fuq haddiehor fis-sens li jinghad fir-rikors, hija dejjem il-persuna li f'isimha jkun registrat l-apparat hija responsabbli ghall-hlas tal-licenzja.

Illi rigward il-preskrizzjoni, it-terminu applikabbli ghall-hlas tal-licenzja huwa dak ta' hames snin ai termini tal-Artikolu 2156(f), peress li l-hlas ta' licenzja huwa hlas ghal servizzi moghti lill-persuna registrata, u li jikkonsisti f'uzu ta'

frekwenzi u li ghalhekk is-somma kif mitluba fl-ittra ufficjali tal-20 ta' Mejju 1998 hija dovuta.

L-esponent talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tammetti din ir-risposta fl-atti tal-kawza u joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni fil-qasir da parti tad-difensur tal-intimat.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dan ir-rikors hu bazat fuq l-artikolu 446 ta-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u hu konsewgenza tal-ittra ufficjali esebita in atti a fol 31, presentata fl-20 ta' Mejju 1998 u li permezz taghha r-rikorrenti kien gie interpellat sabiex jhallas l-ammont ta' Lm172.85,0 allegatament dovuta in kwantu ghall-Lm120 bhala hlas ta' licenzja fuq l-appart in kwistjoni mit-30 ta' Mejju 1993 sa-30 ta' Mejju 1998 u kwantu ghal bilanc bhala penali minhabba non-osservanza tal-ligi in materja da parti tal-istess rikorrenti. Fl-istess ittra ufficjali jinghad li maghha kien hemm anness, ukoll, dikjarazzjoni guramentata mill-istess intimat in konformita mal-procedura stipulata bl-istess artikolu imsemmi.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi r-rikorrenti qed jikkontesta din l-ittra ufficjali, permezz tal-istess rikors, l-ewwel nett billi jghid illi t-talba maghmula fl-istess ittra ufficjali hi preskritta skond l-artikolu 2149(e) tal-Kodici Civili, bit-trapass ta' sentejn, liema artikolu jirreferi ghal "actions of the Government of Malta for the payment of judicial fees, customs or other dues". Dwar dan l-intimat jikkontendi li l-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli hu dak stipulat fl-artikolu 2156(f) "peress li l-hlas ta' licenzja huwa hlas ghal servizz moghti lill-persuna registrata u li jikkonsisti f'uzu ta' frekwenzi ….."

Illi, in rigward dan, jigi notat illi, kif jidher a fol 29 u fol 30 tal-atti li l-ntimat kien ippresenta ittra ufficjali fis-6 ta' Mejju 1994 notifikata lir-rikorrenti fl-24 ta' Mejju 1994, sussegwentement kienet giet presentata l-ittra ufficjali gja msemmija, fl-20 ta' Mejju 1998 u notifikata fit-30 ta' Mejju tal-istess sena, bil-perjodu ta' zmien bejn iz-zewg ittri, jammonta ghal madwar erba' snin.

Illi, fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-kaz hu, effettivament, applikabbli l-artikoli 2156(f) tal-Kodici Civili. Difatti l-artikolu 2149(e) gja citat bl-ingliz japplika ghal azzjonijiet tal-Gvern ghall-hlas ta' drittijiet gudizzjarju dazji jew taxi ohra ("dues"). Certament il-hlas tal-licenzja u penali f'kaz bhal dak in esami ma jistax jigi kunsiderat, legalment, bhala taxxa dovuta lill-gvern izda, kif korrettament issottometta l-intimat, bhala hlas dovut lill-Gvern ghal servizz moghti lir-rikorrenti inkonnessjoni ma' uzu ta' frekwenzi.

Illi, ghalhekk, minhabba dak premess, il-Qorti ma tistax tiddikjara l-azzjoni in esami bhala preskritta a bazi tal-artikolu citat mir-rikorrenti u filfatt tiddikjara li din l-azzjoni hi preskritta bil-perjodu ta' hames (5) snin specifikat fl-artikolu 2156(f) ibid, liema perjodu, f'dan il-kaz, ma ddekorriex.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------